IL-PORTAL

SILTIET STORIĊI MIĠJUBA MINN
Heritage Malta Publishing

# Il-Port Ħieles mistenni jibda jopera...

## Fl-aħħar jiem, parti minn Terminal 1 għaddiet għand il-Malta Freeport Corporation, waqt li llum sar ftehim mal-Kumpanija Norasia Lines. Dan ser jilqa' madwar 100,000 container fis-sena.



## Il-proġett ambizzjuż tal-Port Ħieles jibda jagħti l-frott wara snin ta' ħidma bla heda.

Wara snin ta' ħidma bla waqfien parti żgħira minn dan il-proġett ferm estensiv bdiet titħddem. Ix-xogħol fuq l-ewwel fażi ilu għaddej qatieħ. Ta' min iffakar li fit-30 ta' Awwissu 1983 kien trakka l-ewwel vapur mal-moll tiegħu. Minn dakinhar ix-xogħol baqa' għaddej minkejja li xi drabi kien hemm tilwim industrijali. Terminal 1 kien ġie inawgurat f'Lulju tal-1989 wara li ntemm strike ta' tmint ijiem ordnat mill-General Workers Union.

Fix-xhur li ġejjin mistennija jitlestew l-ewwel għaxar imħażen, filwaqt li hu maħsub li jiżdiedu 30 maħżen ieħor magħhom. Huwa ppjanat ukoll li sa l-1992 il-Port Ħieles jibda joffri il-faċilitajiet tal-Oil tanking. Dan il-port mistenni jservi ta' hub għal 17 il-port ieħor mifruxa madwar il-Mediterran.

**6 ta' April 1990**